IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.1.2019
COM(2019) 14 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98

MT MT

1. INTRODUZZJONI

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ kampjunarju tal-forza tax-xogħol fil-Komunità[1] jiffissa standards minimi għall-produzzjoni armonizzata ta' stħarriġ dwar il-forza tax-xogħol fl-Unjoni Ewropea (UE) u l-Istati Membri tagħha.

L-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 577/98 jgħid li:

Rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandu jiġi sottomess mill-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill kull tliet snin, mis-sena 2000. Dan ir-rapport għandu jistma b'mod partikulari l-kwalità tal-metodi ta' statistika maħsuba mill-Istati Membri biex itejbu r-rizultati jew biex iħaffu l-proċeduri tal-istħarriġ.

Dan huwa s-seba' rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill; ikopri l-perjodu 2015-2017 u huwa strutturat kif imiss.

- **Taqsima 2** tagħti ħarsa lejn l-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol fl-Unjoni Ewropea u r-rwol tiegħu fl-appoġġ tal-politiki tal-Unjoni Ewropea.
- **Taqsima 3** tagħti rendikont dwar kif ir-Regolament (KE) Nru 577/98 ġie implimentat fl-Istati Membri, pajjiżi kandidati u fil-pajjiżi tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA).
- **Taqsima 4** tiffoka fuq inizjattivi li għaddejjin, imnedija mis-Sistema Ewropea tal-Istatistika[2] (ESS), li qed iseħħu bħalissa biex tittejjeb il-kwalità tal-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol.

2. ĦARSA ĠENERALI LEJN L-ISTĦARRIĠ DWAR IL-FORZA TAX-XOGĦOL

2.1. Deskrizzjoni ġenerali

L-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol fl-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsemmi LFS-UE) huwa stħarriġ kampjunarju kbir ta' residenti fi djar privati. Dan jipprovdi statistika dwar is-suq tax-xogħol kemm trimestrali kif ukoll annwali, fir-rigward tax-xogħol u l-qgħad, kif ukoll dwar persuni barra l-forza tax-xogħol. Dan jiġbor ukoll informazzjoni pluriennali minn moduli *ad hoc* u jipprovdi informazzjoni biex isiru stimi ta' kull xahar abbażi tal-mudelli u r-rati tal-qgħad.

L-**Istituti Nazzjonali tal-Istatistika** (NSI) tal-pajjiżi rispettivi huma risponsabbli minn: it-tfassil tal-kwestjonarji nazzjonali, l-għażla tal-kampjun, li jagħmlu l-intervisti u li jibagħtu r-riżultati lill-Kummissjoni (Eurostat) skont skema ta' kodifikazzjoni komuni stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 377/2008[3].

---

[1] ĠU L 77, 14.3.1998, p. 3.

[2] Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 dwar l-Istatistika Ewropea (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164), l-ESS hija s-sħubija bejn l-awtorità Ewropea tal-istatistika, li hija l-Kummissjoni Ewropea (l-Eurostat), l-istituti nazzjonali tal-istatistika u awtoritajiet nazzjonali oħra ta' kull Stat Membru, responsabbli mill-iżvilupp, mill-produzzjoni u mit-tixrid tal-istatistika Ewropea.

[3] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 377/2008 tal-25 ta' April 2008 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol fil-Komunità fir-rigward tal-kodifikazzjoni li għandha tintuża għat-trażmissjoni ta' data mill-2009 'l

L-Eurostat huwa responsabbli minn: monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 577/98; għoti ta' assistenza lil NSIs; promozzjoni ta' kunċetti u metodi armonizzati; u tixrid ta' statistika tas-suq tax-xogħol nazzjonali u Ewropew.

Fl-2017, id-daqs tal-kampjun tal-istħarriġ dwar il-forza tax-xogħol tal-Unjoni Ewropea (LFS-UE) kien madwar 1.3 miljun persuna (li minnhom madwar 1.2 miljun kienu fl-EU-28) ta' età ta' bejn il-15 u l-74 sena. Il-kampjuni ttieħdu kull trimestru u koprew 34 pajjiż parteċipant[4]. Għaldaqstant, l-LFS-UE huwa l-akbar stħarriġ tal-unitajiet domestiċi fl-Ewropa.

2.2. Ir-Rilevanza

L-LFS-UE huwa l-ikbar sors ta' statistika uffiċjali dwar is-swieq tax-xogħol fl-UE. B'kollox, jiġbor aktar minn 100 varjabbli dwar l-istatus tax-xogħol; karatteristiċi ta-impjieg; il-ħin tax-xogħol; l-isfond edukattiv; u t-taħriġ. L-LFS-UE huwa kkumplimentat minn moduli tematiċi ta' kull sena ad hoc[5].

Ibbażat fuq standards u definizzjonijiet internazzjonali[6], l-LFS-UE għandu rilevanza lil hinn mill-UE, li tippermetti lis-suq tax-xogħol Ewropew li jiġi mqabbel ma' swieq tax-xogħol f'żoni jew pajjiżi oħra.

Xi inizjattivi ewlenin tal-politika tal-UE jiddependu fuq id-*data* tal-LFS-UE. Pereżempju, l-LFS-UE huwa wieħed mis-sorsi ewlenin tad-*data* għall-immonitorjar tal-progress ta' Stati Membri taħt il-linji gwida tal-impjieg fil-kuntest ta': (i) l-Artikolu 148 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea[7] (TFUE), u (ii) l-istrateġija għat-tkabbir tal-UE 'Ewropa 2020'. It-tliet indikaturi tal-LFS-UE (ir-rata tal-impjieg ta' dawk ta' età bejn 20-64; is-sehem ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ; u in-numru ta' persuni bejn it-30 u l-34 sena li temmew l-edukazzjoni terzjarja) jintużaw biex jimmonitorjaw 2 mill-5 miri ewlenin ta' Ewropa 2020[8]. Ħafna indikaturi oħra bbażati fuq l-LFS jintużaw skont il-Qafas għall-Evalwazzjoni Konġunta skont Ewropa 2020.

Diversi indikaturi pprovduti mill-LFS-UE huma wkoll użati biex tiġi mmonitorjata l-prestazzjoni tal-Istati Membri taħt żewġ dimensjonijiet tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Dawn id-dimensjonijiet huma *Opportunijiet indaqs u aċċess għas-suq tax-xogħol* (li tkopri l-edukazzjoni, l-ħiliet u tagħlim matul il-ħajja; ugwaljanza tas-sess fis-suq tax-xogħol;

---

quddiem, u l-użu ta' subkampjun għall-ġbir ta' data dwar il-varjabbli strutturali u d-definizzjoni tal-kwarti ta' referenza (ĠU L 114, 26.4.2008, p. 57).

4 Il-pajjiżi parteċipanti huma t-28 Stat Membru, l-Iżlanda, in-Norveġja, l-Iżvizzera, il-Montenegro, l-eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u t-Turkija.

5 Fl-2015, l-ebda modulu ad hoc ma ġiex inkluż fl-LFS-UE. Il-modulu ad-hoc fl-2016 kien *Iż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol*. Il-modulu ad hoc fl-2017 kien *Impjieg indipendenti*.

6 B'mod partikolari, l-LFS-UE jsegwi r-riżoluzzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Konferenza Internazzjonali tal-Uffiċjali tal-Istatistika dwar ix-Xogħol organizzata mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, ara http://www.ilo.org/global/statistics-and-databases/standards-and-guidelines/resolutions-adopted-by-international-conferences-of-labour-statisticians/lang--en/index.htm (disponibbli biss bl-Ingliż, Franċiż u Spanjol).

7 Ara d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/322/UE tas-6 ta' Mejju 2014 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 165, 4.6.2014, p. 49).

8 Il-miri ewlenin ta' Ewropa 2020: http://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/Europe_2020_headline_indicators.

u żgħażagħ) u *Swieq tax-xogħol dinamiċi u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti* (li tkopri l-istruttura tal-forza tax-xogħol u dinamiċi tas-suq tax-xogħol)[9].

Barra minn hekk, numru ta' indikaturi tas-suq tax-xogħol fuq livell reġjonali jiffurmaw l-LFS-UE (i.e. r-rata ta' qgħad taż-żgħażagħ u r-rata ta' qgħad totali) huma użati għall-għan li jiġu allokati fondi fil-kuntest tal-Politika ta' Koeżjoni.

L-LFS-UE jipprovdi wkoll indikaturi għall-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli[10]. Tlieta mill-miri tal-Aġenda għall-Iżvilupp Sostenibbli jinkludu indikaturi li ħerġin mil-LFS-UE: kwalità tal-edukazzjoni, ugwaljanza tas-sess, u xogħol u tkabbir ekonomiku diċenti.

Ir-rata tal-qgħad għal kull xahar ibbażata fuq l-LFS-UE hija indikatur ekonomiku importanti fuq medda ta' żmien qasira. Hija waħda mill-Indikaturi Ekonomiċi Ewropej Prinċipali[11], u tintuża wkoll biex jinbnew il-medji annwali varjabbli tar-rati tal-qgħad għat-tabella ta' valutazzjoni ta' indikaturi ekonomiċi u finanzjarji. Din it-tabella ta' valutazzjoni tiġi mbagħad użata biex jinstabu xi żbilanċi makroekonomiċi u kompetittivi[12]. L-LFS-UE jipprovdi l-informazzjoni li tintuża għall-kontijiet nazzjonali dwar impjieg, l-ħinijiet tax-xogħol, u oqsma oħra lil hinn mis-suq tax-xogħol, bħall-edukazzjoni.

Id-*data* tal-LFS-UE hija użata b'mod wiesgħa fid-DGs tal-Kummissjoni. Huma użati b'mod wiesgħa wkoll mill-Aġenziji Ewropej. Eurofound b'mod partikolari tuża d-*data* għar-rapport ta' ħarsa ġenerali tagħha dwar il-karatteristiċi tal-forza tal-ħaddiema fl-Ewropa.

Fl-aħħar nett, l-LFS-UE huwa wieħed mill-ikbar sorsi ta' mikro*data* statistika għar-riċerkaturi fl-Ewropa. Il-kampjun kbir jippermetti li jitwettqu studji fuq gruppi speċifiċi fis-suq tax-xogħol. L-LFS-UE għandu wkoll kopertura wiesgħa tal-varjabbli demografiċi, reġjonali u tal-isfond eduazzjonali.

3. L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-ISTĦARRIĠ DWAR IL-FORZA TAX-XOGĦOL

Din it-taqsima tkopri primarjament il-perjodu 2015-2017, iżda biex tevidenzja titjib li sar mir-rapport ta' qabel, informazzjoni dwar l-Istħarriġ tal-Forza tax-Xogħol 2014 hija wkoll ppreżentata meta rilevanti.

3.1. Eżattezza

L-eżattezza tal-outputs statistiċi hija l-grad li għaliha komputazjonijiet jew stimi huma qrib tal-valuri ezatti - jew veri - li l-istatistiċi huma maħsuba biex ikejlu. L-akkuratezza tal-istimi huma soġġetti għal żewġ tipi ta' żbalji: żbalji ta' kampjunar u żbalji mhux ta' kampjunar. L-

[9] http://ec.europa.eu/eurostat/web/european-pillar-of-social-rights/indicators (disponibbli bl-Ingliż, Franċiż u Ġermaniż biss).

[10] https://ec.europa.eu/europeaid/policies/sustainable-development-goals_en

[11] Indikaturi Ekonomiċi Ewropej Prinċipali - Gwida statistika, Eurostat 2009, ara http://ec.europa.eu/eurostat/en/web/products-statistical-books/-/KS-81-08-398 (disponibbli biss bl-Ingliż).

[12] It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-MIP tintuża biex tidentifika żbilanċi makroekonomiċi ġodda jew persistenti f'pajjiż. Hija parti minn proċedura annwali, fejn l-ewwel pass huwa l-kumpilazzjoni ta' Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija (Alert Mechanism Report - AMR). Ara r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25)

iżbalji ta’ kampjunar isiru għaliex tiġi mistħarrġa biss parti mill-popolazzjoni sħiħa. L-iżbalji mhux ta’ kampjunar huma l-iżbalji l-oħra kollha introdotti iżda li mhumiex żbalji ta’ kampjunar (żbalji ta' kopertura, żbalji relatati mal-kejl, żbalji tal-ipproċessar, żbalji relatati ma’ nuqqas ta’ tweġiba).

Fir-rigward tal-żbalji ta’ kampjunar, id-daqs tal-kampjun huwa l-fattur determinanti ewlieni. Kampjuni kbar itejbu l-preċiżjoni tar-riżultati. It-tabella 1 turi d-daqs tal-kampjun ta' persuni bejn 15-74 sena intervistati kull trimestru f’kull pajjiż parteċipanti, f’termini assoluti u meta mqabbla mal-għadd totali tal-popolazzjoni f'dak il-grupp ta' età. Ir-rata tal-kampjunar[13] kellha firxa fl-2017 minn 0.14% (ir-Renju Uniti) sa 1.46% (Lussemburgu). Bħala medja, d-daqs tal-kampjun trimestrali kien madwar1.3 miljun persuna fl-2017, li jammonta għal 0.29 % tal-popolazzjoni totali ta' età bejn 15-74 sena fit-34 pajjiż parteċipanti.

Stħarriġiet uffiċjali bħall-LFS-UE jużaw kampjunar ta' probabilità. B'hekk ikun possibbli li l-erruri ta’ kampjunar jiġu kkwantifikati f'termini ta' intervalli ta' kunfidenza. Tabella 2 tipprovdi l-istimi u l-intervalli ta’ kunfidenza ta' 95 % milħuqa għas-seba' indikaturi ewlenin għall-impjieg u l-qgħad fuq livell aggregat tal-EU-28.

Dawn l-intervalli jirriflettu r-rekwiżiti ta' preċiżjoni stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98.

Fir-rigward tal-żbalji mhux ta’ kampjunar, l-Eurostat u l-pajjiżi parteċipanti jimmoniterjaw regolarment sorsi rilevanti ta’ erruri mhux ta’ kampjunar bħal nuqqas ta’ tweġiba. Il-pajjiżi parteċipanti jirrappurtaw il-kawżi ewlenin tal-erruri lill-Eurostat fuq bażi annwali, flimkien mal-metodi applikati nazzjonalment biex dawn jitnaqqsu. Tiġi ppubblikata taqsira ta' dan il-monitoraġġ fir-rapport annwali tal-kwalità tal-LFS-UE[14].

Fl-2017, il-parteċipazzjoni fl-LFS-UE kienet obbligatorja f'14-il pajjiż (il-Belġju, il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, Ċipru, il-Lussemburgu, Malta, l-Awstrija, il-Portugall, is-Slovakkja, in-Norveġja u t-Turkija), waqt li fl-20 pajjiż l-ieħor kienet voluntarja. B'mod ġenerali, l-pajjiżi li jwettqu stħarriġ volontarju jkollhom rata ta' unità ogħla ta’ nuqqas ta’ tweġiba minn dawk il-pajjiżi li jwettqu stħarriġ obbligatorju[15].

[13] Ir-rata tal-kampjunar hija ddefinita bħala l-proporzjon tad-daqs tal-kampjun (in-numru ta' unitajiet tal-kampjunar fil-kampjun) għad-daqs tal-popolazzjoni (l-għadd totali ta’ unitajiet tal-kampjunar fil-popolazzjoni fil-mira).

[14] http://ec.europa.eu/eurostat/web/lfs/publications/quality-reporting (disponibbli biss bl-Ingliż).

[15] Nuqqas ta' twegiba ta' unità meta ma tingabar l-ebda data hija miġbura dwar unità ta' popolazzjoni magħżula għal ġbir ta' data. Ir-rata ta' nuqqas ta' tweġiba ta' unità hija l-proporzjoni tan-numru ta' unitajiet li għalihom ma tingabar l-ebda data għan-numru total tal-unitajiet magħżula għall-ġbir tad-data.

Tabella 1: Daqs tal-kampjun miksub u l-persentaġġ tal-popolazzjoni ta' età bejn 15-74 (medja ta' trimestru) fl-Istħarriġ tal-Forza tax-Xogħol Ewropea, 2017 u 2014

Pajjiż	Id-daqs tal-kampjun trimestrali 2017	Ir-rata tal-kampjunar 15-74 sena (%) 2017	Ir-rata tal-kampjunar 15-74 sena (%) 2014	Pajjiż	Id-daqs tal-kampjun trimestrali 2017	Ir-rata tal-kampjunar 15-74 sena (%) 2017	Ir-rata tal-kampjunar 15-74 sena (%) 2014
UE-28	1 162	0.31	0.32	**MT**	5	1.44	1.54
BE	29	0.35	0.23	**NL**	75	0.59	0.69
BG	25	0.45	0.45	**AT**	34	0.52	0.54
CZ	41	0.50	0.53	**PL**	58	0.21	0.26
DK	21	0.49	0.59	**PT**	30	0.39	0.38
DE	142	0.23	0.20	**RO**	47	0.31	0.28
EE	5	0.56	0.49	**SI**	13	0.79	0.76
IE	27	0.77	1.12	**SK**	18	0.41	0.47
EL	45	0.56	0.55	**FI**	29	0.71	0.77
ES	119	0.34	0.36	**SE**	51	0.68	0.84
FR	94	0.20	0.19	**UK**	67	0.14	0.16
HR	6	0.20	0.21	**IS**	3	1.08	1.36
IT	105	0.23	0.24	**NO**	20	0.51	0.50
CY	8	1.22	1.27	**CH**	28	0.43	0.50
LV	8	0.53	0.56	**ME**	5	1.09	-
LT	12	0.57	0.75	**MK**	11	0.65	0.53
LU	7	1.46	0.65	**TR**	89	0.16	0.17
HU	43	0.58	0.32	**TOTALI**	1 318	0.29	0.31

Tabella 2: Intervall ta' kunfidenza ta' 95 % għall-indikaturi ewlenin tal-LFS dwar l-impjieg u l-qgħad għall-UE-28, 2017

Numru ta' persuni impjegati (x1000)	Rata ta' impjieg bħala persentaġġ tal-popolazzjoni (%)	Numru ta' persuni qiegħda (x1000)	Rata ta' qgħad bħala persentaġġ tal-forza tax-xogħol (%)	Rata ta' qgħad fiż-żgħażagħ bħala persentaġġ tal-forza tax-xogħol (%)
217 740 ± 311	72.1 ± 0.1	18 781 ± 145	7.9 ± 0.1	16.8 ± 0.3

Tabella 3: Il-parteċipazzjoni u r-rata ta' nuqqas ta' tweġiba tal-LFS-UE skont il-pajjiż, 2017 u 2014

Pajjiż	Parteċipazzjoni 2017	Rata ta' unità ta' nuqqas ta' tweġiba (%) 2017	Rata ta' unità ta' nuqqas ta' tweġiba (%) 2014	Pajjiż	Parteċipazzjoni 2017	Rata ta' unità ta' nuqqas ta' tweġiba (%) 2017	Rata ta' unità ta' nuqqas ta' tweġiba (%) 2014
BE	Obbligatorja	17.4	27.8	**MT**	Obbligatorja	24.8	23.7
BG	Voluntarja	19.7	23.7	**NL**	Voluntarja	48.4	42.7
CZ	Voluntarja	21.2	20.6	**AT**	Obbligatorja	3.4	5.7
DK	Voluntarja	45.0	46.2	**PL**	Voluntarja	38.7	31.5
DE	Obbligatorja	3.8	2.3	**PT**	Obbligatorja	16.1	14.8
EE	Voluntarja	33.2	31.3	**RO**	Voluntarja	12.7	9.5
IE	Voluntarja	32.2	23.9	**SI**	Voluntarja	20.1	21.3
EL	Obbligatorja	25.4	24.6	**SK**	Obbligatorja	18.0	11.0
ES	Obbligatorja	13.1	15.2	**FI**	Voluntarja	32.7	28.0
FR	Obbligatorja	20.4	20.9	**SE**	Voluntarja	43.4	35.7
HR	Voluntarja	44.5	31.3	**UK**	Voluntarja	50.7	39.8
IT	Obbligatorja	14.9	11.8	**IS**	Voluntarja	31.5	21.0
CY	Obbligatorja	3.8	4.2	**NO**	Obbligatorja	15.8	19.9
LV	Voluntarja	35.4	35.7	**CH**	Voluntarja	19.7	18.8
LT	Voluntarja	22.3	19.6	**ME**	Voluntarja	16.7	-
LU	Obbligatorja	41.7	84.6	**MK**	Voluntarja	11.9	24.6
HU	Voluntarja	21.5	17.2	**TR**	Obbligatorja	4.3	9.3

3.2. It-tempestività u l-puntwalità

It-*tempestività tal-istatistika* hija definita bħala t-tul ta' żmien bejn id-data disponibbli u l-avveniment jew fenomenu li jiddiskrivu. Għall-LFS-UE, dan it-tul ta' żmien jiddependi fuq: (i) iż-żmien li l-Istati Membri jeħtieġu biex iwettqu u jipproċessaw l-istħarriġ, u jibagħtu r-riżultati lill-Eurostat, u (ii) iż-żmien meħtieġ għall-Eurostat biex jipproċessa, jivvalida u jippubblika r-riżultati.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 jiddikjara li l-Istati Membri jridu jwasslu d-*data* lill-Eurostat fi żmien 12-il ġimgħa mit-tmiem tat-trimestru ta' referenza. L-Eurostat jivvalida s-settijiet tad-*data* nazzjonali hekk kif jaslu. Tabella 4 turi ż-żmien bejn tmiem it-trimestru ta' referenza u d-disponibilità tad-*data* għall-utenti tal-Eurostat għall-perjodu 2014-2017. It-tempestività tad-*data* tal-LFS-UE tjiebet ftit għall-UE-28 fl-aħħar snin. Fl-2017, in-numru medju ta' jiem kalendarji meħtieġa biex tiġi mxerrda d-*data* tal-UE-28 kienet 75 ġurnata, imqabbla ma' 77 ġurnata fl-2014. L-Eurostat jippjana li ser ikompli itejjeb it-tempesitività tat-tixrid tar-riżultati tal-LFS-UE billi fil-futur titqassar l-iskadenza għat-twassil tad-*data* lill-Eurostat.

It-tempestività tad-*data* tal-LFS-UE hija wkoll importanti fl-istima tar-rati tal-qgħad għal kull xahar. Hekk kif tiġi pproċessata d-*data* nazzjonali mill-Eurostat, din tintuża biex tiġi kkalkolata r-rata tal-qgħad tax-xahar ta' wara. Ir-rata tal-qgħad ta' kull xahar hija mxerrda bejn wieħed u ieħor 30 ġurnata wara tmiem tax-xahar ta' referenza.

Tabella 4: Disponibbilità ta' *data* LFS għall-utenti - Tempestività, 2014-2017

Numru ta' jiem kalendarji bejn it-tmiem tal-perjodu ta' referenza u t-tixrid ta' *data* nazzjonali minn Eurostat (sit web)	**Għadd ta' pajjiżi**							
	2014		**2015**		**2016**		**2017**	
	Kollha	**UE-28**	**Kollha**	**UE-28**	**Kollha**	**UE-28**	**Kollha**	**UE-28**
<31	0	0	0	0	0	0	0	0
31-60	2	2	2	2	5	3	6	5
61-90	27	24	29	24	27	24	25	22
91+	4	2	2	2	1	1	2	1
Totali	33	28	33	28	33	28	33	28
Numru medju ta' jiem kalendarji	77	77	80	80	73	74	77	75

Il-*puntwalità tal-istatistika* hija ddefinita bħala l-intervall taż-żmien bejn id-data mħabbra tar-rilaxx u d-data effettiva tar-rilaxx. L-Eurostat jippubblika d-dati tar-rilaxx tat-trimestru u annwali ppjanati għall-indikaturi tal-LFS-UE prinċipali. Fl-2015-2017, l-iskadenzi ta' pubblikazzjoni mħabbra kollha ġew sodisfatti.

3.3. L-aċċessibbiltà u ċ-ċarezza

L-Eurostat ixerred l-istatistika tal-LFS-UE b'diversi modi. L-għodda ewlenija għat-tixrid hija l-bażi ta' *data* onlajn tal-Eurostat, li fiha aktar minn 400 tabella ta' *data* dettaljata tal-LFS-UE (risultati trimestrali, annwali, tad-djar u tal-modulu ad hoc). Indikaturi tal-politika deskritti f'paragrafu 2.2 huma wkoll ippubblikati f'taqsimiet speċifiċi tas-sit web[16]; it-tabelli f'dawn it-taqsimiet ikopru biss l-aktar riżultati tal-LFS-UE importanti. L-Eurostat jipproduċi kombinamenti oħra ta' varjabbli tal-LFS-UE bħala tabulazzjonijiet imfassla apposta skont id-domanda tal-utenti.

Il-mikro*data* tal-LFS-UE hija wkoll rilevanti ħafna għal għanijiet xjentifiċi. Din tiġi mitluba mill-għadd dejjem jikber ta' riċerkaturi mill-universitajiet, mill-istituti tar-riċerka u mill-istituti nazzjonali tal-istatistika madwar l-Ewropa u lil hinn minnha. L-Eurostat ilu jipprovdi din il-mikro*data* b'xejn mill-2011. L-aċċess jingħata skont it-termini stipulati fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 557/2013[17] sabiex tkun żgurata l-protezzjoni tad-*data* personali ta'

[16] Eżempju għall-UE2020: http://ec.europa.eu/eurostat/web/europe-2020-indicators/europe-2020-strategy/headline-indicators-scoreboard (disponibbli biss bl-Ingliż, Franċiż, u Ġermaniż).

[17] ĠU L 164, 18.6.2013.

dawk li jwieġbu għall-istħarriġ[18]. Il-fajls tad-*data*, li jikkonsistu f'rekords individwali, ma fihomx identifikaturi diretti bħal ismijiet, indirizzi jew numri tal-identità, Barra minn hekk, regoli tal-anonimizzazzjoni jiġu applikati.

Id-dokumentazzjoni dettaljata (meta*data*) tingħata lill-utenti permezz ta' diversi kanali ta' tixrid. Informazzjoni ġenerali hija miftuħa għall-pubbliku ġenerali fit-taqsima tal-LFS-UE tas-sit web tal-Eurostat. Informazzjoni aktar dettaljata tista' tinkiseb mit-taqsima 'Statistika Spjegata' tas-sit web[19]. Din l-informazzjoni tiġi aġġornata regolarment. Informazzjoni speċifika dwar il-kontenut u l-kwalità tal-istatistika tiġi rilaxxata f'żewġ pubblikazzjonijiet annwali: pubblikazzjoni metodoloġika li tiddeskrivi l-karatteristiċi tal-istħrriġ nazzjonali, u rapport ta' kwalità annwali li jagħti taqsira tar-riżultati miksuba mill-LFS-UE[20]. Barra minn hekk, tinhemeż metadata speċifika mal-istatistika tal-LFS-UE fil-bażi ta' *data* online tal-Eurostat. Mill-2014, l-informazzjoni mir-Rapporti Nazzjonali dwar il-Kwalità ta' kull pajjiż parteċipanti ġie wkoll ippubblikata online.

Il-pajjiżi jtejbu l-LFS regolarment, kemm fil-metodoloġija tiegħu u fil-proċessi. Jekk dan it-titjib iwassal għal qtugħ fid-*data* tal-LFS, l-iNSIs involuti jinformaw lill-Eurostat. Kull qtugħ sinifikanti huwa ddokumentat fil-pubblikazzjonijiet tal-Eurostat[21]. L-Eurostat jippubblika wkoll sett ta' *data* speċjali msejjaħ "indikaturi ewlenin tal-LFS", li fih kull serje ta' qabel tiġi aġġustata għall-qtugħ u jimtlew il-lakuni okkażjonali fid-*data*.

3.4. Il-komparabbiltà

L-LFS-UE jisħaq fuq grad għoli ta' armonizzazzjoni ta' kunċetti, klassifikazzjonijiet, u metodoloġiji. Ir-Regolament (KE) Nru 377/2008 jistabilixxi skema ta' kodifikazzjoni komuni, li tiżgura li l-pajjiżi parteċipanti kollha jużaw l-istess definizzjonijiet tal-varjabbli. Jiġu użati klassifikazzjonijiet komuni (eż. l-klassifikazzjoni standard Ewropea tal-attivitajiet ekonomiċi produttivi (NACE) u l-Klassifikazzjoni Internazzjonali Standard tal-Impjiegi (ISCO)), u fejn dawn il-klassifikazzjonijiet jiġu riveduti, l-Eurostat jiżgura li l-pajjiżi kollha parteċipanti jikkoordinaw l-implimentazzjoni. Barra minnhekk, l-Eurostat joħroġ noti ta' spjegazzjoni li jipprovdu linji gwida dettaljati lill-istituti tal-istatistika nazzjonali dwar kif għandhom jikkodifikaw u jimplimentaw l-istatistika. In-noti ta' spjegazzjoni jispjegaw ukoll r-raġunament tal-Eurostat għal kull linja gwida. Kwistjonijiet metodoloġiċi huma diskussi waqt grupp ta' ħidma ddedikat, il-Grupp ta' Ħidma tal-Istatistika tas-Suq tax-Xogħol. Dan il-grupp irawwem skambju ta' esperjenzi u prattiċi komuni fost il-pajjiżi parteċipanti kollha.

[18] Ara Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' tali dejta, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

[19] http://ec.europa.eu/eurostat/web/lfs/overview (disponibbli bl-Ingliż, Franċiż u Ġermaniż biss).
http://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/EU_labour_force_survey (disponibbli biss bl-Ingliż).

[20] http://ec.europa.eu/eurostat/web/lfs/publications/quality-reporting (disponibbli biss bl-Ingliż).

[21] Id-dokumentazzjoni dwar il-qtugħ fis-serje tal-LFS-UE hija disponibbli (bl-Ingliż biss) fuq: http://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/EU_labour_force_survey (Kapitlu 1).

Biex jiżgura li l-kejl tal-qgħad huwa armonizzat madwar il-pajjiżi parteċipanti kollha, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1897/2000[22] jistabbilixxi definizzjoni operazzjonali tal-qgħad. Jistabilixxi wkoll prinċipji li għandhom jiġu segwiti biex jiġu fformulati il-mistoqsijiet tal-istħarriġ dwar l-istatus tax-xogħol. Id-definizzjoni tal-qgħad hija konsistenti mal-istandards tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), li ġew adottati fit-13 u fl-14-il Konferenza Internazzjonali tal-Uffiċjali tal-Istatistika dwar ix-Xogħol[23]. Dan jiżgura li l-istatistika tal-LFS-UE tkun komparabbli ma' dik tal-pajjiżi l-oħra, speċjalment dik ta' membri oħra tal-OECD.

3.5. Koerenza

Il-konsistenza bejn l-istimi tal-popolazzjoni abbażi tal-LFS-UE u l-istatistiċi demografiċi hija aspett importanti tal-kwalità ġenerali. Abbażi ta' stħarriġ kampjunarju, ir-riżultati tal-LFS-UE huma kkalkulati mit-tweġibiet ta' subsett tal-popolazzjoni. Ir-risposti mbagħad jiġu riferuti għall-popolazzjoni kollha. Id-*data* għall-popolazzjoni kollha hija bbażata fuq l-aħjar stimi disponibbli f'dak iż-żmien (maqsuma fi gruppi skont is-sess u l-età biex tittejjeb il-preċiżjoni tal-proċedura). Fil-prinċipju, din il-proċedura ta' valutazzjoni komparattiva tassigura konsistenza bejn l-LFS-UE u l-istatistika demografika. Madanakollu, differenzi jistgħu jseħħu f'ċirkustanzi eċċezzjonali. Pereżempju, kull 10 snin, ikun hemm ir-riżultati l-ġodda taċ-ċensiment tal-popolazzjoni. Jekk ċensiment ġdid jipproduċi figuri differenti mill-istimi ta' popolazzjoni preċedenti, jista' jkun hemm il-bżonn li serje antika jkollha bżonn tiġi riveduta. F'każ bħal dan, il-politiki ta' reviżjoni tal-istatistika demografika u tal-LFS-UE jistgħu jvarjaw fir-rigward tat-tul u tat-tempestività, b'ristrezzjoni minħabba nuqqas ta' informazzjoni dettaljata dwar il-popolazzjoni għall-10 snin ta' bejn iċ-ċensimenti.

Il-maġġoranza tal-pajjiżi parteċipanti fl-LFS-UE wettqu ċensiment tal-popolazzjoni fir-rawnd tal-2011. Risultati taċ-ċensimenti ġodda spiss iwasslu għal piżijiet, oqfsa u/jew disinji tal-LFS ġodda. L-NSIs kollha fil-pajjiżi fejn saru ċensimenti fl-2011 iċċekkjaw, u rrivedew meta neċessarju, l-piżijiet LFS biex jiġu riflessi l-istimi tal-popolazzjoni ġodda, inkluż l-ippeżar mill-ġdid ta' serje ta' *data* b'lura, minn tal-inqas sal-2010.

Dwar il-consistenza tal-istimi tal-qgħad, ħafna pajjiżi jippubblikaw ukoll statistiċi dwar l-għadd ta' persuni rreġistrati fl-uffiċċju pubbliku għall-impjiegi u li qed ifittxu impjieg. Iċ-ċifri tal-qgħad tal-LFS u l-għadd ta' dawk irreġistrati li qed ifittxu impjieg ivarjaw minħabba n-natura differenti tad-*data* miġbura. Filwaqt li l-LFS-UE jisħaq fuq metodoloġija armonizzata biex jistħarreġ l-unitajiet domestiċi dwar l-attivitajiet ta' impjieg tagħhom u d-disponibbiltà għax-xogħol, ir-rekords amministrattivi tal-uffiċċji pubbliċi tax-xogħol jinkludu lista eżawrjenti ta' persuni rreġistrati u eliġibbli għall-benefiċċji tal-qgħad. Minħabba li l-kriterji biex wieħed jirreġistra jiddependu fuq il-politiki soċjali nazzjonali, l-istatistika dwar

---

[22] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1897/2000 tas-7 ta' Settembru 2000 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 dwar l-organizazzjoni ta' stħarriġ kampjun fuq il-forza tax-xogħol fil-Komunità f'dak li għandu x'jaqsam mad-definizzjoni tal-qgħad (ĠU L 228, 8.9.2000, p. 18).

[23] http://www.ilo.org/global/statistics-and-databases/standards-and-guidelines/resolutions-adopted-by-international-conferences-of-labour-statisticians/lang--en/index.htm
L-implimentazzjoni tad-definizzjonijiet tal-ILO, li ġew adottati reċentement, ta' impjieg u qgħad mid-19-il Konferenza Internazzjonali tal-Uffiċjali tal-Istatistika dwar ix-Xogħol hija deskritta fil-Kapitolu 4 (disponibbi biss bl-Ingliż, Franċiż u Spanjol).

dawk irreġistrati li qed ifittxu impjieg mhix komparabbli madwar il-pajjiżi u lanqas matul iż-żmien.

Qasam ieħor fejn il-konsistenza statistika hija importanti hija fit-tqabbil tal-istimi tal-impjieg mill-LFS u minn kontijiet nazzjonali, hekk kif l-istimi mhumiex neċessarjament l-istess Dan huwa minħabba differenzi fil-metodoloġiji (il-kunċetti u l-kopertura tal-popolazzjoni mhumiex identiċi), u proċessi differenti ta' tfassil. Il-kontijiet nazzjonali jitfasslu permezz tat-tqabbil u l-ġabra tas-sorsi tad-*data* rilevanti disponibbli fil-pajjiż, u billi jittieħed l-aħjar minn kull sors biex jinkisbu riżultati komprensivi. Kontijiet nazzjonali ifittxu wkoll konsistenza bejn l-impjieg u l-produzzjoni (il-Prodott Domestiku Gross, PDG). L-LFS huwa sors ta' *data* wieħed f'dak il-proċess. Sors tad-*data* ieħor fil-proċess jinkludi stħarriġ tan-negozju, reġistri tal-impjieg u reġistri tas-sigurtà soċjali. Konsistenza bejn l-LFS u l-kontijiet nazzjonali ġiet indirizzata fil-Grupp ta' Ħidma tal-Istatistika dwar is-Suq tax-Xogħol. L-Eurostat jivvaluta d-differenzi bejn iż-żewġ stimi, u bosta NSIs analizzaw il-kawżi u d-dimensjoni tad-differenzi. F'xi każijiet, NSIs ippubblikaw tabelli ta' rikonċiljazzjoni bejn iż-żewġ settijiet ta' data.

Tqabbil bejn l-LFS u kontijiet nazzjonali juri li l-LFS huwa aktar xieraq biex titkejjel il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol (qgħad u attività) jew biex tiġi analizzata s-sitwazzjoni ta' gruppi soċjoekonomiċi speċifiċi tal-popolazzjoni (eż. skont l-età, is-sess jew il-livell edukattiv). *Data* tal-kontijiet nazzjonali hija aktar xierqa għat-tqabbil ta' stimi tal-impjieg ma' produzzjoni aggregata u miżuri ta' dħul fuq livell makro.

4. INIZJATTIVI BIEX IKOMPLI JITTEJJEB L-ISTĦARRIĠ DWAR IL-FORZA TAX-XOGĦOL

4.1. L-LFS f'sistema mmodernizzata ta' statistiċi soċjali

Abbażi tal-"Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-metodu ta' produzzjoni tal-istatistika tal-UE: viżjoni għall-għaxar snin li ġejjin'[24], il-Kummissjoni adottat fis-26 ta' Awwissu 2016 proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Ewropew relatat ma' persuni u unitajiet domestiċi, bbażata fuq *data* fuq livell individwali miġbura minn kampjuni (ir-regolament tal-qafas tal-Istatistika Soċjali Ewropea Integrata (IESS))[25].

Din l-inizjattivi kienet immirata biex timmodernizza l-istatistika soċjali Ewropea. Tassew, ir-regolament tal-qafas propost ser iżid l-komparattività u l-konsistenza ta' statistiċi soċjali Ewropej billi jiġbor flimkien seba' stħarriġiet tal-unitajiet domestiċi li qed jitwettqu bħalissa fl-UE, u jarmonizza definizzjonijiet, kunċetti u varjabbli li huma komuni għal żewġ stħarriġiet jew aktar. Dan ser jiffaċilità analiżi marbuta tal-fenomenu soċjali. Ir-regolament tal-qafas propost huwa mistenni li jwassal għall-ewwel ġabra ta' *data* fl-2021.

L-LFS-UE huwa wieħed mill-istħarriġ ta' unitjiet domestiċi koperti mir-regolament tal-qafas tal-IESS u qiegħed jiġi mmodernizzat biex ikun konformi mar-regolament tal-qafas. Dan l-immodernizzar ser jallinja l-LFS-UE mar-riżoluzzjoni adottata mid-19-il Konferenza Internazzjonali tal-Uffiċjali tal-Istatistika dwar ix-Xogħol (ICLS) f'Ottubru 2013, bi skop aktar ristrett għall-impjieg u kriterji aktar preċiża għal leave tal-ġenituri u xogħol staġjonali

24 COM(2009) 404 tal-10 ta' Awwissu 2009.
25 COM(2016) 551.

L-immodernizzar ser ukoll itejjeb ir-reilevanza tal-LFS għal: (i) analiżi tal-migrazzjoni u (ii) komparabbilità ta' informazzjoni dwar ħin ta' ħidma u paga tax-xahar mill-impjieg prinċipali tan-nies. Barra minn hekk, l-immodernizzar tal-LFS-EU ser iwassal għal kopertura aħjar ta': (i) impjieg (awtoimpjieg dipendenti), (ii) informazzjoni dwar is-saħħa ġenerali (biex titqabbel is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol ta' nies b'diżabbiltà ma' dik tal-popolazzjoni fil-mira totali), u (iii) parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ (li jdum minn tal-inqas 12-il xahar).

Barra minn hekk, ir-reviżjoni tal-LFS-UE ser ittejjeb it-tempestività tat-trażmissjoni tad-*data* lill-Eurostat, tirrevedi r-rekwiżiti ta' preċiżjoni u tiżviluppa aktar titjib metodoloġiku.

4.2. L-estensjoni tal-LFS-UE għal pajjiżi kandidati oħra

Bħalissa, 34 pajjiż (it-28 Stat Membru, 3 pajjiżi kandidati u 3 pajjiżi EFTA) jipparteċipaw fl-LFS-UE. Dan ifisser li jibgħatu *data* lill-Eurostat bi qbil mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 u li d-*data* tagħhom tiġi regolarment imxerrda mill-Eurostat. Il-pajjiżi kandidati li diġà inklużi huma l-Montenegro, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u t-Turkija. L-Eurostat jaħdem mill-qrib mal-uffiċji tal-istatistika minn pajjiżi kandidati oħra biex jgħinhom jagħmlu progress lejn il-konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 f'termini ta' kontenut u kwalità tal-istħarriġ. Is-Serbja u l-Albanija diġà bdew jibagħtu d-*data* tal-LFS lill-Eurostat. Ladarba l-istħarriġiet nazzjonali ta' dawn il-pajjiżi jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-regolamenti Ewropej, id-*data* tagħhom ukoll se tibda tixxerred mill-Eurostat.

4.3. L-iżvilupp ta' prodotti statistiċi ġodda

<u>Statistika biex jinqabdu dinamiċi tas-suq tax-xogħol.</u>

Il-bidliet fl-istatus tax-xogħol ta' nies individwi huma ta' interess kbir għaliex jipprovdu informazzjoni addizzjonali dwar is-sitwazzjoni ġenerali tas-suq tax-xogħol, inkluż il-flessibbiltà jew ir-riġidità tiegħu. Dawn il-bidliet jipprovdu wkoll informazzjoni dwar is-sitwazzjoni ta' gruppi speċifiċi. Pereżempju, id-*data* dwar id-dinamiċi tas-suq tax-xgħol tagħmilha possibbli biex jiġi analizzat kemm nies spiċċaw qiegħda jew sabu xogħol matul perijodu partikolari, u min huma dawn in-nies. Dan, min-naħa tiegħu, jagħmilha possibbli li jiġu identifikati gruppi li għandhom ċans aħjar li jsibu impjieg, jew gruppi li qegħdin f'riskju akbar li jsiru jew jibqgħu bla impjieg.

L-analiżi tas-suq tal-xogħol trimestrali turi l-movimenti bejn impjieg, qgħad u inattività ekonomika ġew ippubblikati għall-ewwel darba fl-2015. Riżultati addizzjonali, li jagħtu t-tqassim ta' dawn il-gruppi permezz tas-sess, grupp ta' età, tul ta' żmien ta' qgħad, jew tranżizzjonijiet minn xogħol għal xogħol, ilhom jiġu ppubblikati mill-2017 bħala statistiċi sperimentali.

L-Eurostat u istituti statistiċi nazzjonali qegħdin jaħdmu bħalissa fuq l-iżviluppar ta' metodoloġija biex jiġu stmati t-tranżizzjonijiet tas-suq tax-xogħol annwali, li tindirizza l-isfidi posti minn rati għoljin ta' attrizzjoni (tnaqqis tad-daqs tal-kampjuni matul mewġ ta' intervisti) kif ukoll bidliet fil-popolazzjoni matul iż-'mien,

<u>Estensjoni u preparazzjoni tal-indikaturi prinċipali tal-LFS-UE bil-qafas legali futur</u>

L-indikaturi ewlenin tal-LFS huma ġabra tal-aktar riżultati tal-LFS-UE importanti, mxerrda permezz tal-bażi ta' *data* onlajn tal-Eurostat. L-għan tagħhom hija li tipprovdi lill-utenti b'serje taż-żmien aġġustati skont l-istaġun tal-iktar indikaturi importanti li jiddeskrivu s-suq tax-xogħol (eż. impjieg, qgħad u rati tal-attività). Dawn l-indikaturi rilevanti ħafna ġew imtejba tul iż-żmien u estiżi biex jinkludu indikaturi li jkopru gruppi bħall-NEET (żgħażagħ li mhumiex involuti f'impjieg, edukazzjoni jew taħriġ).

L-Eurostat u l-Grupp ta' Ħidma tal-Istatistika dwar is-Suq tax-Xogħolżviluppaw strateġija biex jiġu indirizzati qtugħ fis-serja tal-ħin ikkawżati minn dħul fis-seħħ tar-regolament tal-qafas il-ġdid. Din l-istrateġij ser tiżgura l-pubblikazzjoni ta' serje ta' indikaturi prinċipali mingħajr qtugħ. Dan jeħtieġ dupplikazzjoni tad-*data*, li jippermetti lill-Eurostat biex joħroġ serje b'lura alinjata mal-LFS il-ġdid b'mod parallel mat-tixrid nazzjonali. Minħabba: (i) id-differenzi kbar fl-approċċi użati minn pajjiżi biex tinħareġ informazzjoni dwar il-qtugħ fis-serje, u (ii) in-numru kbir ta' indikaturi li jridu jinħarġu bbażati fuq l-informazzjoni relattivament skarsa, l-Eurostat diġà beda jaħdem fuq il-passi tal-implimentazzjoni ta' dan il-proġett.

<u>Aktar informazzjoni dwar l-akkuratezza tar-riżultati tal-LFS-UE</u>

Stħarriġiet bħal-LFS-UE jipprovdu stimi tal-indikaturi dwar tal-popolazzjoni tal-mira abbażi ta' kampjun aleatorju ta' dik il-popolazzjoni. Minħabba li subsett tal-popolazzjoni biss jiġi magħżul, huwa importanti li tiġi pprovduta, flimkien mal-istimi, informazzjoni dwar l-akkuratezza tal-istimi (ara paragrafu 3.1). Indikaturi tal-kwalità bħal dawn jieħdu l-forma ta' żbalji standard jew intervalli ta' kunfidenza.

L-Eurostat u Stati Membru pproduċew il-vajanza ta' bidliet annwali netti għal subsett taż 23 indikaturi ta' rilevanza tal-politika għolja (kif deskritt f'paragrafu 2.2). Dan jippermetti lill-utenti, meta jxerrdu u janalizzaw dawn l-indikaturi tal-LFS-UE għal skopijiet ta' politika, biex jissupplimentaw l-informazzjoni dwar bidliet tal-indikaturi bejn sentejn konsekuttivi b'informazzjoni dwar is-sinjifikat statistiku ta' dawn il-bidliet tal-indikaturi.

5. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni tissorvelja l-konformità tal-Istati Membri mar-Regolament (KE) Nru 577/98. Il-Kummissjoni tqis l-implimentazzjoni tal-LFS-UE bħala sodisfaċenti ħafna, hekk kif Stati Membri huma kompletament - jew kważi kompletament - konformi ma' din il-leġiżlazzjoni Ewropea. Kwistjonijiet mhux riżolti huma diskussi mal-Istati Membri, u, jekk ikun meħtieġ, il-pjanijiet ta' azzjoni jiġu mfassla b'mod konġunt. Il-kwalità ġenerali tal-LFS-UE hija tajba.

Is-Sistema tal-Istatistika Ewropea taħdem biex tibqa' ttejjeb il-proċessi u l-metodi tal-LFS-UE. Din żammet il-momentum ta' dawn l-isforzi minkejja ambjent diffiċli, b'riżorsi skarsi u tnaqqis kbir fil-baġit. Titjib kostanti lill-LFS-UE għaddej, kemm bħala parti mill-proċess tal-immodernizzar ta' statistiċi soċjali, jew bħala proġetti tal-LFS-UE individwali biex jiġu adottati bidliet fil-ħtieġijiet tal-utent u sfidi ġodda (eż. żieda fir-rekwiżiti tat-tempestività, stimi dwar tranżizzjonijiet tas-suq tax-xogħol annwali). Din il-ħidma se tkompli matul is-snin li ġejjin.